

**Avviż ta' informazzjoni dwar it-terminazzjoni tal-inizjattivi diplomatiċi ma' pajjiżi terzi nnotifikati fil-15 ta' Novembru 2012 dwar il-possibbiltà li jiġu identifikati bħala pajjiżi terzi li ma jikkooperawx skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoragħixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat**

(2014/C 364/02)

Il-Kummissjoni Ewropea (il-Kummissjoni) temmet l-inizjattivi diplomatiċi mar-Repubblika tal-Fiġi, mar-Repubblika tal-Panama, mar-Repubblika tal-Vanwatu u mar-Repubblika Togoliża fil-ġlied kontra s-sajd illegali, mhux rapportat u mhux regolat (IUU) mibdija fil-15 ta' Novembru 2012 bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/C 354/01<sup>(1)</sup> dwar in-notifika lill-pajjiżi terzi li l-Kummissjoni tqis li jistgħu jiġu identifikati bħala pajjiżi terzi li ma jikkooperawx skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoragħixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (ir-Regolament IUU).

## 1. Qafas legali

Skont l-Artikolu 32 tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-pajjiżi terzi bil-possibbiltà li jiġu identifikati bħala pajjiżi li ma jikkooperawx. Din in-notifika hija ta' natura preliminary. In-notifika tal-pajjiżi terzi bil-possibbiltà li jiġu identifikati bħala pajjiżi li ma jikkooperawx hija bbażata fuq il-kriterji stipulati fl-Artikolu 31 tar-Regolament IUU.

Il-Kummissjoni għandha tieħu l-inizjattivi diplomatiċi kollha stipulati fl-Artikolu 32 fir-rigward ta' dawk il-pajjiżi. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tħinġi fin-notifika informazzjoni dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li jsejus identifikazzjoni bħal din, l-opportunità ta' dawk il-pajjiżi biex jirrispondu u jipprovd evidenza li tikkontradixxi l-identifikazzjoni jew, fejn hu xieraq, pjan ta' azzjoni għad-ding u l-miżuri meħuda biex tiġi rrettifikata s-sitwazzjoni.

Il-Kummissjoni għandha tagħti żmien adegwat lill-pajjiżi terzi kkonċernati sabiex jirrispondu għan-notifika u żmien xieraq biex jirranġaw is-sitwazzjoni.

## 2. Proċedura

Fil-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni Ewropea nnotifikat lir-Repubblika tal-Fiġi, lir-Repubblika tal-Panama, lir-Repubblika tal-Vanwatu u lir-Repubblika Togoliża bil-possibbiltà li jiġu identifikati bħala pajjiżi terzi li ma jikkooperawx fil-ġlied kontra s-sajd illegali, mhux rapportat u mhux regolat (IUU).

Il-Kummissjoni saħġet li sabiex jevitaw li jiġu identifikati bħala pajjiżi li ma jikkooperawx, dawn kienu mistiedna jikkoperaw mal-Kummissjoni fuq il-bażi ta' proposta ta' pjan ta' azzjoni biex jiġu rrettifikati n-nuqqasijiet identifikati.

Il-Kummissjoni fetħet proċess ta' dialogu mar-Repubblika tal-Fiġi, mar-Repubblika tal-Panama, mar-Repubblika tal-Vanwatu u mar-Repubblika Togoliża. L-erba' pajjiżi ppreżentaw kumenti orali u bil-miktub li tqies u ttieħdu f-kunsiderazzjoni mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni ssoktat tfittekk u tivverifika l-informazzjoni kollha li dehrilha li kienet meħtieġa.

Ir-Repubblika tal-Fiġi, ir-Repubblika tal-Panama, ir-Repubblika tal-Vanwatu u r-Repubblika Togoliża introduċew il-miżuri meħtieġa għall-waqfien tal-attivitàjet ta' sajd IUU msemmija u l-prevenzjoni ta' kull attività futura bħal din, u rrettifikaw kull att jew ommissjoni li jwasslu għan-notifika tal-possibbiltà li jiġu identifikati bħala pajjiżi li ma jikkooperawx fil-ġlied kontra s-sajd IUU.

## 3. Konklużjoni

Fiċ-ċirkostanzi partikolari u wara li ġew eżaminati l-kunsiderazzjonijiet imsemmija hawn fuq, il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-inizjattivi diplomatiċi fil-konfront tar-Repubblika tal-Fiġi, tar-Repubblika tal-Panama, tar-Repubblika tal-Vanwatu u tar-Repubblika Togoliża skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 32 tar-Regolament IUU fir-rigward tal-eżerċizzju ta' dmiri jieħiethom imposti fuqhom skont il-liggi internazzjonali bħala Stat tal-bandiera, tal-port, kostali u tas-suq u l-ażżejji tħalli tagħhom biex jipprevju, jiskoragħixxi u jeliminaw is-sajd IUU, huma b'dan itterminati. L-awtoritat jekk kompetenti rilevanti ġew uffiċċjalment informati mill-Kummissjoni.

It-terminazzjoni tal-inizjattivi diplomatiċi msemmija hawn fuq ma tipprekli l-ebda pass sussegamenti meħud mill-Kummissjoni jew mill-Kunsill fil-futur, f'każ li l-elementi ta' fatt juru li pajjiż jonqos milli jaqdi dawk li huma d-dmiri jieħiethom tiegħi skont il-liggi internazzjonali bħala Stat tal-bandiera, tal-port, kostali jew tas-suq, u milli jieħu azzjoni biex jipprevjeni, jiskoragħixxi u jeliminaw is-sajd IUU.

<sup>(1)</sup> ĠU C 354, 17.11.2012, p. 1.